**IL-KREDU TA' NICEA**

Jiena nemmen f'Alla wieħed, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art, dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx.

U f'Mulej wieħed Ġesu' Kristu, Iben waħdieni ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien. Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel, mhux magħmul, natura waħda mal-Missier; u bih sar kollox. Niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna.

U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem. Sallbuh għalina, bata taħt Ponzju Pilatu, miet u difnuh, u fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet, skond il-Kotba mqaddsa, u tela' s-sema, u qiegħed fuq il-lemin tal-Missier. U għandu jerġa' jiġi bil-glorja biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.

U fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja; li ġej mill-Missier u mill-Iben; li hu mequum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u mal-Iben; hu li tkellem b'fomm il-profeti.

U fi Knisja waħda, qaddisa, kattolika, appostolika. Nistqarr magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet. U nistenna l-qawma mill-imwiet, u l-ħajja taż-żmien li ġej. Ammen.

**IL-KREDU TAL-APPOSTLI**

Jiena nemmen f'Alla,
il-Missier li jista' kollox
Li ħalaq is-sema u l-art,
U f'Ġesu Kristu,
Ibnu wieħed Sidna;
li kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu.
Twieled minn Marija verġni,
Bata taħt il-ħaqq ta' Ponzju Pilatu,
sallbuh, miet u difnuh,
niżel il-Limbu, mat-tielet jum qam minn bejn l-imwiet;
tala' fis-smewwiet;
qiegħed in-naħa tal-lemin ta' Alla l-Missier li jista' kollox;
minn hemm għandu jiġi biex jagħmel ħaqq
għall-ħajjin u għall-mejtin.
Nemmen fl-Ispirtu s-Santu,
Il-Knisja Mqaddsa Kattolika,
ix-Xirka tal-Qaddisin,
il-maħfra tad-dnubiet,
il-qawma ta' l-imwiet,
il-ħajja ta' dejjem. Ammen.




- **X'inhuma d-differenzi ta' bejniethom?**
- **X'hemm l-istess?**